MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 594/2003

**Lorenzo Borg**

**-vs-**

**Philip Grech**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-12 ta' Gunju, 2003 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-istanti jippossjedi kamra li tinsab gewwa ghalqa maghrufa 'Tal-Hnejja', fil-kontrada Tal-Hlas fil-limiti ta' Hal Qormi – liema kamra hija indikata fl-annessa pjanta Dok. A;

U illi f'xi jum bejn it-22 u l-25 ta' April, 2003, il-konvenut bil-

vjolenza u bil-mohbi sgassa is-serratura ta' din il-kamra u minflok ghamel katnazz mal-bieb tal-istess kamra b'mod li l-istanti gie mnezza mill-pussess tal-istess kamra billi ma jistax jidhol fiha.

U illi dana l-agir tal-konvenut huwa illegali u abbuziv u jammonta ghall-spoll vjolenti;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi t-tehid tal-pussess bil-vjolenza u bil-mohbi da parti tal-konvenut tal-kamra li tinsab f'ghalqa maghrufa 'Tal-Hnejja' fil-konfront Tal-Hlas fil-limiti ta' Hal Qormi jammonta ghall-spoll fil-konfront tal-attur;

2. M'ghandiex tikkundannah sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din il-Qorti, huwa jirreintegra lill-attur fil-pussess shih tal-imsemmija kamra; u

3. Fin-nuqqas, tawtorizza lill-attur jiehu dawk il-mizuri necessarji ghar-reintegrazzjoni fil-pussess tal-istess kamra a spejjez tal-konvenut.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-28 ta' Mejju, 2003 kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fil-5 ta' Novembru, 2003 li permezz taghha eccepixxa;

1. Illi fl-ewwel lok l-attur irid jipprova l-elementi kostituttivi tal-ispoll.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi l-eccipjent ma kkommetta ebda spoll fil-konfront tal-attur, u se mai kull ma ghamel kien in awto difiza tad-drittijiet tieghu a bazi tal-principju *vim vi repellere licet* peress li l-eccipjent gie priv mill-istess attur mid-drittijiet tieghu ta' pussess fuq il-kamra in kwistjoni.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta tat-30 ta' Marzu, 2006 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher car mic-citazzjoni din hija kawza ta' spoll. L-attur qed isostni li l-konvenut ikkommetta spoll meta kisser it-terrazzin indikat fic-citazzjoni. Kif hu maghruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta' spoll tirnexxi u dawn huma;

**1. il-pussess,**

**2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta' ta' l-attur, u**

**3. li l-azzjoni ssir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll.**

Il-konvenut f'din il-kawza qed jeccepixxi li l-attur irid jipprova l-elementi kostituttivi tal-kawza u wkoll li huwa kellu jirreagixxi ghall-ispoll ta' l-attur fuq il-principju *vim vi ripellere licet*.

L-atturipprezenta affidavit a fol 19 fejn qal illi hu xtara l-ghalq in kwistjoni li fiha wkoll il-kamra in kwistjoni fl-1969 u wara li kkoncediha b'enfitewsi lil certu Reginald Schembri, rega' hadha lura fl-1996 b'sentenza tal-Qorti. Skond hu, dan Schembri kien jippermetti lil certu Emanuel Mamo juza l-kamra u dan Mamo kien biddel ic-cavetta tal-bieb; fl-1996 pero' Mamo ghaddielu c-cavetta lura u huwa stess biddel is-serratura. Jinsisti li minn dakinhar sa April 2003 hu bis kellu cavetta taghha. Kien dakinhar li sar l-ispoll mill-konvenut wara li dan kien talbu c-cavetta.

Il-konvenut xehed a fol 31, 50 u 67. Fl-ewwel xhieda qal li hu kellu cavetta li kien tahielu missieru li kien tahielu Mamo pero' hu kien tilifha xi sena u nofs qabel. Meta mar sab lin-neputi ta' l-attur biex jaghtih kopja, hu biddel il-katnazz li skond hu rega' sabu mkisser; allura rega' biddel il-katnazz u ta cavetta lill-istess bidwi neputi ta' l-attur.

Fil-fehma tal-Qorti l-kwistjoni ewlenija f'din il-kawza hija jekk l-attur kellux il-pussess ta' l-ambjent in kwistjoni ghaliex il-Qorti ma ghandha ebda dubbju li l-konvenut biddel il-katnazz. Anzi dan hu ammettih – ara fol 60 tal-process. Il-Qorti ma tistax tiddeciedi dwar il-kwezit petitorju illi qanqal il-konvenut fl-ahhar parti tal-kawza meta biddel il-verzjoni u qal li hu l-kerrej tal-kamra ghaliex quddiemha ghandha biss il-kwistjoni possessorja.

Fis-sentenza Delia vs Schembri (Prim'Awla – 4 ta' Frar, 1958) gie ritenut illi;

"*L-azzjoni ta' spoll iservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x'ikun li jigi vjolentement jew okkultament mehud minghand il-possessur jew detentur u gie deciz kemm-il darba li tapplika wkoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jezercitah minghajr intervent tal-Qorti.*

Fi kliem Pacifici Mazzoni spoll vjolent huwa "*qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato*". (Vol III Sez. 52).

Kif gie ritenut fil-kawza Margherita Fenech vs Pawla Zammit deciza fit-12 ta' April, 1958;

"*L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.*"

Kif ukoll gie ritenut;

"*Kif kellha okkazjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, l-indagini li trid issir hija wahda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda legislazzjoni ohra u kompliet tghid illi ghalhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani huma ghal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna – Appell Civili – Cardona vs Tabone – deciza fid-9 ta' Marzu, 1992.*"

Fil-kaz in kwistjoni pero' tqum il-problema addizzjonali dwar jekk japplikax il-principju *vim vi ripellere licet*. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza Camilleri vs Bonello (5 ta' Ottubru, 1998);

"*F'azzjoni possessorja ta' din ix-xorta l-att turbattiv tal-pussess li ta lok ghaliha ghandu dejjem ikun identifikabbli u ghandu jigi bi precizjoni identifikat (spolitaum fuisse) bhala fatt li sar fi zmien determinat mhux biss ghaliex mill-mument meta javvera ruhu li d-dekadenza estintiva ta' l-azzjoni jibda jiddekorri imma wkoll ghaliex it-talba jehtieg tkun ghar-reintegrazzoni ta' l-attur.*"

Il-Qorti ccitat sentenza antika (Vol XXIV pt 1 pagna 281) illi rriteniet;

"*Dell'altro canto chi rimuove ostacoli trovati el passaggio ale proprie terre per apririvi l'accesso che prima possedeva non fa' atto violento, ne' commette spoglio, ne' si fa' giustizia da se ma esercita il su diritto entro i limiti del suo possesso, o meglio, afferma e continua il proprio possesso di cui era in godimento legittimo che fu turbato da chi ha posto quegli ostacoli.*"

Il-Qorti mbaghad qalet li dan naturalment japplika *a contrario senso.* Naturalment din l-azzjoni tal-konvenut trid tkun saret immedjatament wara li jkun sar l-ispoll tal-attur biex tkun gustifikata (ara ukoll is-sentenzi Pellegrini Petit vs Sammut – Appell – 16 ta' Jannar, 1920 u Sammut vs Sammut – Prim'Awla – 31 ta' Jannar, 2003).

Ghalhekk il-Qorti trid tiddeciedi jekk l-attur kellux pussess; jekk kienx l-istess attur li ha l-ligi b'idejh u kwindi kkommetta l-ispoll hu u allura l-konvenut kellux dritt jirrespingi l-ispoll permezz ta' spoll iehor – haga li hija permessa mill-gurisprudenza purke l-azzjoni tieghu tkun proporzjonata (fis-sens li jerga jpoggi l-affarijiet ghal istat li kienu qabel l-ispoll) u immedjata. F'dan il-kaz il-konvenut qed jammetti li l-attur kellu pussess izda hu kien ukoll ko-possessur – infatti fil-mori tal-kawza offra kopja tac-cavetta lill-attur izda dan insista li kellu pussess esklussiv.

Il-Qorti ma thossx li l–attur ikkommetta xi spoll anke jekk il-konvenut jitwemmen li hu tilef ic-cavetta u l-attur ma riedx jaghtih kopja taghha. L-ispoll jikksostitwixxi xi azzjoni da parti tal-persuna li tikkommetti l-ispoll u jekk il-konvenut tilef ic-cavetta dan zgur ma kienx tort tal-attur – ghall-inqas f'ebda hin huwa ma attribwixxa n-nuqqas taghha lill-attur. Jekk l-attur ma riedx jaghtih kopja, dan ma kienx jawtorizzah jiehu l-ligi f'idejh. Kif gia' inghad il-principju *vim vi ripellere licet*

jippresupponi reazzjoni istantanja fis-sahna tal-mument u mhux reazzjoni li wiehed jiehu l-ligi f'idejh ghaliex il-parti l-ohra ma accettatx it-talba tieghu. F'kull kaz il-Qorti thoss li dak li gara kien li fil-waqt li jista' jkun li f'xi zmien ferm qabel l-attur ha l-pussess lura tal-ghalqa fl-1996 missier il-konvenut kien juza l-kamra dan iz-zmien kien ilu li ghadda u fil-fatt il-konvenut ghalkemm fi kliemu tilef ic-cavetta sena u nofs qabel, ma tantx inkwieta li jitlob kopja – sinjal car li l-pussess li seta' kien hemm kien ilu li ntilef.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici; ghall-fini tat-tieni talba timponi zmien ta' xahrejn; ghal-fini tat-tielet talba tawtorizza jaghmel ix-xoghol necessarju a spejjez tal-konvenut. Ix-xoghol necessarju ghandu jsir taht supervizjoni ta' l-AIC David Pace. L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------